# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1287

KAZ NRU. 1536

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Conrad Pace

u

Domenic Department Stores Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 2 ta' Mejju, 2002

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 22 ta' Mejju, 2001 b'riferenza MHS/TI/32/2001 biex jigi deciz mit-Tribunal skond il-Ligi.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha l-kumpanija ntimata qalet li matul l-impieg tal-appellant bdew jigu nnutati irregolaritajiet - partikolarment diskrepanzi fl-istock u fil-cash ta' kull fil-ghaxija; peress li kienu hafna okkazzjonijiet ta' nuqqasijiet ta' flus, saru numru ta' kontrolli - wiehed mill-passi kien li persuna ta' fiducja tixtri oggetti u rrizulta li l-flus inzammu minnu.

Li meta gie kkonfrontat b'dawn il-fatti, l-appellant ammetta n-nuqqasijiet, imma cahad l-entita' taghhom u ffirma dikjarazzjoni opportuna.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz, l-appellant sostna li meta, kif ordnat, mar il-Head Office, id-Direttur ghalaq il-bieb tal-kamra u, dan u l-avukat Grech u persuna ohra, mhux maghrufa, akkuzawh bin-nuqqasijiet, heddewh li ma johrogx minn hemm qabel jiffirma dikjarazzjoni li kienu lestewlu; qal li wara hames sieghat ta' ghajjat u tisbit, iffirma u hareg u fl-istess jum ghamel rapport lill-Pulizija, li kien gie mizmum u arrestat illegalment u mgieghel jiffirma dokument kontra l-volonta' tieghu.

It-Tribunal laqa' t-talba ghal ftit zmien biex jigu maghluqa l-passi kriminali li kienu ghaddejjin, izda wara diversi differimenti, fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2002, il-kaz thalla ghas-smigh ghall-25 t'April, 2002 ghall-provi kollha tal-kumpanija, b'dan, li jekk dan ma jsirx, kellhom jinstemghu l-provi tal-appellant u li jekk dan ma jsirx, il-kaz jigi kkunsidrat abbandunat.

Fis-seduta tal-25 t'April, 2002 la deher ir-rapprezentant tal-kumpanija, u l-anqas id-difensur taghha u ghalhekk xehed l-appellant.

Mix-xhieda moghtija, ma rrizulta ebda fatt li jiggustifika tkeccija u ghalhekk dik it-tkeccija qeghda tigi dikjarata ngusta.

Peress li l-appellant kellu xoghol ta' certa fiducja u peress li dan il-kaz ilu ghaddej kwazi sena, b'parti mit-tort ta' l-istess appellant, flok re-instatement qed jigi ffissat kumpens ridott ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Ghall-fini tal-A.L. 48 tal-1986, id-dritt tad-difensuri tal-partijiet qed jigi ffissat ghall-massimu ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

----------------------

**Maurice Petrocochino**
**Chairman**

----------------

**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**